MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 405/2008

**A B mizzewga C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B mizzewga C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenta izzewget lill-intimat konvenut D C fl-24 ta' Mejju 2001, u dan skond in-numru progressiv 767/1991 (Dok. A).

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress li kien inkiser bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

Illi ser jirrizulta ukoll simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament vizzjat u/jew sar bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ukoll ai termini tal-artikoli l-ohra relevanti taht l-att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet kontendenti "A B mizzewga C u D C debitament ikkontrattat fl-24 ta' Mejju 2001", huwa null u bla effett ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikat, il-konvenut ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi prodotti illi din il-koppja kienet qed tipprova tghix zwieg fejn il-mara kienet f'sitwazzjoni ta' tendenzi omosesswali mohbija. Din il-Qorti tqis illi dan il-fatt fih innifsu huwa sinjal ta' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif provdut ghalih fil-ligi. Jirrizulta fil-fatt illi relazzjoni b'orjentazzjoni omosesswali kienet ga ezistenti qabel iz-zwieg tant li l-persuna nvoluta maghha dak iz-zmien kienet hadet bi kbira z-zwieg bejn il-partijiet.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-24 ta’ Mejju 2001, huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------